MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 57/2008

**Talba Nru: 57/08PBC**

**Mobisle Communications Limited**
**(C24655)**

**Vs**

**Carl Bonnici**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€462.54) - (Lm198.57c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond

Client Contract Number 1006785 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn Frar 2007 u Gunju 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€462.54) - (Lm198.57c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------